MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2009

Numru 11/2009

PULIZIJA
SPETTUR MAURICE CURMI
VS
ANTHONY SCHEMBRI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Anthony Schembri, ta' 62 sena, iben il-mejjet John Baptist u l-mejta Paola nee' Zammit, imwieled Cospicua fil-5 ta' Gunju 1946, residenti 293 'My Dream' Triq il-Kampanella Fgura u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 506246(M).

Illi huwa akkuzat talli fis-7 ta' Settembru 2008 fuq il-monti tal-Belt Valletta ffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta' industrija, jew manifattura, jew xjentement ghamel uzu ta' sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li jista' jqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh tali merkanzija, jew

xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal jew emblema imxebbhin b’qerq u cioe’ numru ta’ DVDs u loghob tal-kompjuter, ai termini ta’ l-artikolu 298(1) tal-Kodici Kriminali, Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi bi qliegh jew bi skop ta’ kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor irriproduca jew ikkupja, jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex jitqassam, xi Artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta’ l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-Ligi ta’ Malta jew tahtha, ai termini ta’ l-Artikolu 298B tal-Kodici Kriminali, Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti, ai termini ta’ l-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali u ta’ l-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat;

Semghet il-konferma ta’ l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fuq l-ammissjoni ta’ tieghu, il-Qorti, ssib lill-imputat, Anthony Schembri, hati skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 298(1) u 298B tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundannah jhallas multa ta’ €600 li ghandhom jithallsu b’rata mensili fi zmien sitt (6) xhur u tordna l-konfiska u

distruzzjoni tas-CDs u DVDs kollha ezebiti f'dawn il-proceduri.

Din il-piena giet akkordata wara li l-Qorti rat l-eta' avvanzata ta' l-imputat, il-fedina penali nadifa tieghu u l-fatti spece kollha tal-kaz.

Il-Qorti tordna komunika ta' din is-sentenza lir-Registratur tal-Qrati Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------